MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 344/2004

**United Acceptances Finance Limited (C-360)**

**vs**

**Carmel Azzopardi – ID 437575M**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u erbgha u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin cemtezmu u tmien millezmi (Lm3,154.318), import ta' kambjali minnu ffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali huma annessi u mmakati Dok. '1' sa '21' liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie nterpellat sabiex ihallas.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-6 ta' Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------